# IL-KOKKA U L-BIES

Darba l-Bies mal-Kokka ltaqa';
qallha: "fejn int sejra xbint?"
—se' nqil (1) hawn għax dalwaqt jisbaħ"
qaltlu "ss'għid fejn sejjer int."

"Jien se' mmur indur" weġibha
"ma da' n-nħawi, ma tafx kif...
nara nsibx xi tajr għal snieni,
taf li jien tajra tal-ħtif..."

"Sejjer? stenn!... ħa' ngħidlek kelma:
mur bis-sliema, u mitt elf ġid,
jalla jilħqek, taqbad xteqtek
tajr bir-rfus, minn koll ma trid;

biss nitolbok, bħala xbejjen
lil uliedi ma tmisshomx;"
"Għidli, xbint, liem'huma wliedek
għax af sew ma nagħrafhomx..."

"It-tfal tiegħi, xejn titfixkel,
int tagħrafhom: l-isbaħ tajr!
issa x'ngħidlek?"—"Xejn!" weġibha,
waqt li hekk radditlu l-ħajr.

Ried ta' raġel joħroġ magħha:
qal: "tajr ikrah jew sabiħ
kollu kun, (2) la kollu laħam,
basta żaqqi nimla bih;

għalhekk huwa dar għall-ikreh
li daqs l-isbaħ sabu bnin;
kiel u ntela, mar fejn xbintu;
din xammitu : qaltlu : "Xbin !

"Haw" qallh' "aħna ssa mlejnieha,
issa ġejt nistrih ftit ħdejk."
"Phu! ma kontx nistenna minnek
x'mort għamiltli, xbin, b'idejk !

inti qtiltli lil uliedi ! "
"Lil uliedek?!" qallha "x'għidt?"
"Inti qtiltli lil uliedi!
li tbarrihom lili w'għedt ! "

"Afli, xbint, jien naħlifulek :
kieku fihom kien elf ħajr,
ma kont qatt jien nikser kelmti;
jien għamilt għall-ikreh tajr!"

"Dawk li qbadt u kilt uliedi ! "
Wieġeb huwa minnufih
"jiena l-ikreh tajr dawk rajthom;
int ma għedtx li wliedek sbieħ ?

"Jien mn-uliedi isbaħ ma nara"
wieġbet hi; u hu malajr
fiha ġie li qawl igħallem :
"B'rixu biss jifrah kull tajr ! "

V. M. B.

(1) nqil = noqgħod nistriħ. Il-għerq hu qjiel — li hu l-egħmil ewlieni u jfisser qàgħad qgħàd, qagħad qiegħed, qagħad jistriħ ; Ara : "Xi-n-hu jagħmel dil-ħabta Toni ?— jqil (qiegħed ma jagħmel xejn) — Tini sitta j'omm!—Hawn, dalwaqt; tqil (qegħda s-sitta; qegħda: lesta għalik ; mill-egħmil ewlieni joħroġ l-egħmil imnissel qajjel-jqajjel = daħħal jistrieħ, daħħal jistrieħu, daħħal ġe' maqjel l-iktar innagħaġ għar-rwieħ fis-sajf.

(2) kollu kun = kollu wieħed. L-iktar li għadhom igħidduha r-Rabtin.